MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2403/2002

***Lewis J. Grech & Co. Ltd.***

***vs***

***Emmanuel sive Noel Zammit ezercenti l-kummerc taht l-isem Noel Household***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm737.30) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta in konnessjoni ma' bejgh ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar fattura kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Claudine Zarb ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm737.30c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**